TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 17/2025**

Data: Il-Ħamis, 25 ta' Settembru 2025

Ħin: 17:00

Bdiet: 17:15

Post: Uffiċċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Viċi Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

TARXIEN
Local Council

**17.1 Ittri ta' apoloġija**

17.1.1 Is-Sindku qal li s-Sa. Anabelle Marmara kienet tinstab xogħol u għaldaqstant ma setgħetx tattendi għal-laqgħa. Kienet infurmat meta kien hemm l-aġġornament ta' l-aħħar laqgħa.

17.1.2 Is-Sindku semma li minħabba nuqqas ta' kworum il-laqgħa tal-ġimgħa ta' qabel kellha titħassar. Dan għaliex is-Sa. Darlene Vella, is-Sur Dasier Damato u hu biss segħu jattendu għal-laqgħa.

**17.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 16**

17.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.16 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**17.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 15**

17.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Glenn Urry u s-Sur Dasier Damato ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-26 t' Awwissu 2025 u l-25 ta' Settembru 2025 li kienet tammonta għal €59,341.34

**17.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Reviżjoni tal-Estimi għas-sena 2025**

17.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u wara li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat ħarsa lejn ir-reviżjoni tal-figuri u r-raġunijiet għaliex kienu qed jiġu reveduti l-Estimi, l-Kunsill approva r-rapport hekk kif preżentat.

**17.5 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 16**

| | |
|---|---|
| **17.5.1 Ground 5-a-side** | Is-Sindku semma li l-grawnd beda jinfetaħ għall-pubbliku, għat-tfal tal-lokal bejn 16:00 u s-18:00 kuljum. |
| **17.5.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sindku rringrazzja lis-Sa. Nicole Farrugia li kienet waslet biex terġgħa tippubblika rivista oħra. Is-Sa. Nicole talbet lill-Kunsilliera sabiex jgħaddulha l-punti ta' ħidma. |

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **17.5.3 Framework Agreement – Public Works Department** | Is-Sur Neil Portelli semma li dan il-proġett kien ser jibda f' Ottubru. |
| **17.5.4 Statwa ġewwa Vjal Simmons** | Is-Sindku semma li din kienet inxtrat u kienet ser tiġi nstallata. |
| **17.5.5 Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi** | Is-Sindku semma li z-Zumba kienet reġgħet bdiet illum, 25 ta' Settembru. Semma wkoll li wieħed irid jaħseb għax-xitwa jekk hemmx mezz li wieħed jikri xi sala biex jitkomplew.<br>Is-Sindku fakkar li nhar il-5 t'Ottubru kienet ser tkun organizzata Festa Sport. |
| **17.5.6 Kurunell Mas** | Is-Sindku semma li l-bankijiet tneħħew u marru fejn l-iskola. Huwa rringrazzja lill-Aġenzija li tagħmel xogħolijiet f'żoni turistiċi li sebħet il-ġnien ta' Kurunell Mas. |
| **17.5.7 Xogħolijiet fil-berġa** | Is-Sindku semma li x-xogħol fil-berġa l-antika kien tlesta. Semma li ser tkun qed tinġarr l-għamara tal-Kunsill sabiex il-ħaddiema f'Jannar jinżlu jaħdmu mill-Community Centre. |
| **17.5.8 Traffic Calmers** | Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċekkja jekk kienx ħareġ il-permess ta' traffic calmer fi Triq Dejma. |
| **17.5.9 Ismijiet ta' toroq** | Is-Sindku semma li l-Kunsill kien kompla għaddej b'komunikazzjoni mal-Kummissjoni tal-Ismijiet tat-Toroq. Semma li jidher li kienu aċċettaw li l-Pjazza jinbidlilha isimha kif ukoll aċċettaw il-proposta ta' Triq Renzo Gauci. |

TARXIEN
Local Council

**17.5.10 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku semma li kif kien diskuss f'laqgħat preċidenti, dan il-proċess jinstab sospiż.

**17.5.11 Pjazza**

Is-Sindku semma li x-xogħolijiet fil-pjazza kienu għaddejjin. Semma li kien hemm qbil li jsir Bus Shelter żgħir u li jkun jista' jitneħħa fil-jiem tal-festa.

Semma li shuttle service sejjer tajjeb u li kif kien diskuss f'laqgħat preċidenti semma li dan is-servizz għandu jiġi b'mod permanenti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**17.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.6.1 Is-Sindku semma li peress li waħda mill-ħaddiema tal-Komunita' li kienet tmexxi l-front office telqet mill-Kunsill peress li sabet xogħol full time ġewwa Kunsill ieħor, huwa kien qed jipproponi li tinfetaħ sejħa għall-ħaddiema klerikali fi skala 16 sabiex ikun jista' jaħdem fil-front office. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli u approvata b' mod unanimu semmew li għandha tinfetaħ din is-sejħa.

17.6.2 Is-Sindku semma li l-Kunsill ferraħ lit-tfal fl-ewwel jum tas-sena skolastika tagħhom permezz ta' kostumi li animaw lit-tfal fl-ewwel jum tal-iskola.

17.6.3 Is-Sindku semma li l-konsultazzjoni pubblika ta' Vjal Kulħadd ser issir f' Ottubru ġewwa Dar Nazzaret. Is-Segretarju talbet iktar informazzjoni sabiex tkun tista' toħroġ l-avviż.

17.6.4 Is-Sindlu semma li l-proġett tal-bankini ffinanzjat mil-LESA kellu estensjoni sas-sena 2026. Semma li l-Kunsill ser jibgħat b'mod uffiċjali lil LESA għal din l-estensjoni.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

17.6.5 Is-Sindku semma li s-Sur Neil Portelli kien kompla jikkomunika mal-Perit sabiex jirfina d-disinn ta' central strip ta' quddiem il-Kunsill.

17.6.6 Is-Sindku semma li wara li l-Kunsill kien beda x-xogħol mal-Perit sabiex ikun rinovat Ġnien Penza. Wara li nġiebu l-permessi neċessarji, il-Kunsill irċieva talba minn Infrastruttura Malta sabiex il-ġnien ikun jista' jiġi ffinanzjat minn IM imexxi bil-Periti tagħhom ukoll. Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jgħaddi l-ownership tal-Perit lill-IM sabiex il-Ġnien ikun kompletament iffinanzjat u mplimentat minn IM.

17.6.7 Is-Sindku talab lis-Sur Neil Portelli sabiex isir immaniġjar ta' traffiku fl-immedjat imma b'mod temporanju sabiex Triq is-Sorijiet tkun bit-traffiku jitla' 'l fuq biss. Is-Sa. Darlene Vella talbet li minn fejn Ġnien 2000 tiġi One Way, is-Sur Neil Portelli semma li din ser tkun parti mill-pjan ħolistiku tal-immaniġjar ta' traffiku.

17.6.8 Is-Sindku semma li nhar id-29 jew it-30 ta' Novembru jkun hemm il-kunċert tal-mixgħela tal-Milied. Filwaqt li fil-bidu ta' Diċembru l-Kunsill kien qed iġib kwotazzjoni ta' tinda ta' madwar 30 metru sabiex isir il-kunċert mill-banda tal-Pulizija. Semma li dan ikun fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru. Is-Sa. Darlene Vella u s-Sur dasier Damato semmew li jekk ikun hemm tinda, il-festin ta' tfal jista' jsir taħt it-tinda.

17.6.9 Is-Sindku semma li nhar it-2 ta' Novembru ser ikun hemm il-mixgħela taċ-ċimiterju. Semma li ser ikun hemm il-mużiċisti bl-arpa kif ukoll ser jinfetħu t-tempji Neolitiċi għar-residenti bejn 6pm u 9pm. Semma li dawn ser ikunu mingħar ħlas għar-residenti u li l-booking irid isir mill-Kunsill Lokali.

17.6.10 Is-Sindku semma li kienet intbgħatet komunikazzjoni mid-Dipartiment minħabba open gyms fil-lokalita'. Semma li fil-komunikazzjoni kien hemm jekk il-Kunsill għandux spazju fejn isir open gym ieħor. Is-Sindku propona li jekk ikun hemm opportunita' wieħed għandu jikkonsidra l-parti ta' fuq ta' Joanne Gardens.

17.6.11 Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta kienu ser jibdew ix-xogħolijiet ġewwa Triq Odilone Caruna kif ukoll Triq Ġużeppi Cali. Is-Sindku talab lis-Sur Neil Portelli biex jara meta ser ikun qed jibdew dawn ix-xogħolijiet.

17.6.12 Is-Sindku semma li nġabru xi kwotazzjonijiet sabiex issir access control għall-bieb tal-ground, semmew li l-istess sistema tkun tista' tiġi replikata għas-sala tal-komunita' kif ukoll għall-uffiċċju sabiex jitnaqqsu t-trasferiment ta' ċwievet minn id għall-oħra. Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill approva dan il-proġett.

17.6.13 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi punti li xtaqu jindirizzaw fil-preżenza tiegħu, jidher li ma kienx hemm u talab li jkun skużat fis-19:30 u għaldaqstant, talab lis-Sa. Darlene Vella tkompli tmexxi l-laqgħa.

**17.7 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

17.7.1 Is-Sur Dasier Damato xtaq jesprimi d-dispjaċir tiegħu li meta huwa kien ġewwa Londra, jakkumpanja lill-membru tal-familja li kien għaddej mill-mard, kien hemm min minn fuq il-mejda tal-Kunsill li beda jxandaraha li huwa kien jinstab fuq vaganza. Semma li jinstab iddispjaċut b'dan l-aġir irresponsabbli. Semma li nhar is-7 t'April 2025 kien qata' il-biljetti tal-ajru sabiex jitlaq, nhar it-8 t' April 2025 kien informa lill-Kunsill b' kulħadd inkluż il-Kunsilliera li kien ser ikollu jitlaq Londra u r-raġuni għaliex. Nhar 13 t' April kien innotifika permezz ta' ittra filwaqt li fil-laqgħa ta' nhar 29 t'April kellu jaqra li s-Sindku kien jinstab iddispjaċut li ma kienx infurmat b'mod personali li s-Sur Damato kellu jitlaq Londra.
Semma li kien jinstab dispjaċut kif bdiet iddur mar-residenti li riedu jqaċtuh minn Kunsillier sabiex jagħmel post għal ħaddieħor. Semma li huwa għażel il-familja kif wara kollox forsi jagħżel kulħadd f' mumenti bħal dawn. Semma li anki mix-xogħol kellu jieħu 6 xhur unpaid leave. Semma li huwa dejjem segwa l-laqgħa online u nforma li minkejja l-mics kienu jintfew dejjem seta' jibqa' jsegwi dak li kien qed jingħad għax jidher li l-cameras kellhom xi mic magħhom ukoll.
Il-Viċi Sindku semmiet li hija kienet ser tinforma lis-Sindku b' dan. Semmiet ukoll li d-dekasteri li kienu assenjati lis-Sur Dasier Damato għadhom tiegħu peress li qatt ma kienu ġew re-assenjati imma kulħadd kien qed jagħti kontribut.
Is-Sur Dasier preżenta d-dokumenti li xtaq li jkunu annessi mal-minuti. Dokumenti annessi u mmarkati Dok 'A'.

17.7.2 Il-Viċi Sindku nfurmat li l-kors ta' Tifi tan-Nar kien ser isir f' Novembru.

17.7.3 Il-Viċi Sindku semmiet ukoll li kienu ser isiru sessjonijiet tal-Mental First Aid matul ix-xahar ta' Novembru li kienu ffinanzjati u kkordinati mill-Ministeru tas-Saħħa u dak tal-Gvern Lokali. Semmiet li l-Kunsill mhux ser ikun qed jiffinanzja dan it-taħriġ u r-reġistrazzjonijiet kienu qed isiru mill-Ministeru. Semmiet li minħabba spazju dawn kienu ser isiru fis-sala tal-Każin Madonna Annunzjata u l-kunsill kien ser iniżżel l-interactive whiteboard sabiex ikun jista' jintuża.

17.7.4 Il-Viċi Sindku semmiet li fl-1 ta' Novembru kienet ser tkun organizzata attivita' mit-tim ta' Children Liturgy Group b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Semmiet li din ser tkun bejn 3pm u 9pm u min-naħa tal-Kunsill ser ikun hemm bżonn li nieħdu ħsieb l-infurzar.

**17.8 Aġġornament**

17.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 20 t' Ottubru 2025 fis-19:00 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

Dok H

Gmail

Dasier D'Amato <dassierdamato@gmail.com>

# Temporary Absence & Updates

5 messages

**Dasier D'Amato** <dassierdamato@gmail.com> Tue, Apr 8, 2025 at 10:14 AM
To: Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>, "MAYOR TARXIEN - J.A.G." <abela25joseph@gmail.com>, Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>, Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>, Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>, Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>, Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>, Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>, Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>, Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>, mariofava16@gmail.com

Dear Joseph, Lianne, and Local Councillors,

I hope this email finds you well.

It is with a heavy heart that I write to inform you that I will be away in the coming months, as we will be travelling abroad for medical treatment starting this Sunday. Please find my official letter attached.

In the meantime, I'd like to update you on the ongoing activities and responsibilities related to the children and youth programmes, and physical activities:

- **Zumba** has been confirmed with Carly Zarb (email: carlyzarb1996@gmail.com). Sessions will take place **every Thursday from 5:30 PM to 6:30 PM** at *il-bandli ta' ħdejn il-Kunsill.*
- **Children's & Youth Council**: There will be no session this month. I will keep you updated once we have a new date scheduled.
- **Homework Fridays**: Unfortunately, we have not received any volunteers for private lessons, so this activity will be paused for now.

Thank you for your support and understanding. Please don't hesitate to reach out should you need anything in my absence.

Warm regards,

--
DASIER D'AMATO
*Kunsillier ġewwa Ħal Tarxien*
m. (+356) 7928 0845

*Facebook :Dasier D'Amato*
*Instagram: @dasier_219*

Letter of Temporary Absence.pdf
34K

**Lianne Cassar** <lcassar@lca.org.mt> Tue, Apr 8, 2025 at 1:08 PM
To: Dasier D'Amato <dassierdamato@gmail.com>, "MAYOR TARXIEN - J.A.G." <abela25joseph@gmail.com>, Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>, Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>, Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>, Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>, Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>, Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>, Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>, Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>, Mario Fava <mariofava16@gmail.com>

Dear Dasier,

Thank you for your letter and for informing us about your mum's upcoming medical treatment. We understand the situation and appreciate you keeping us in the loop regarding the ongoing activities.

In your absence, I would like to propose to the Mayor, that the responsibilities related to the children and youth programmes, as well as physical activities, be temporarily re-assigned to another Councillor. This will ensure that the initiatives continue smoothly while any necessary decisions can be communicated with you.

Our goal is to ensure that the Council's work doesn't come to a halt during this time.

If there's anything we can do to assist or if you need anything else, please don't hesitate to let us know.

Best regards,

Lianne Cassar
Executive Secretary

Local Councils' Association - Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa MRS3000
Tel: +356 2596 8000 Mob: +356 7991 5257
Website: www.lca.org.mt
F: Local Councils' Association

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

**From:** Dasier D'Amato <dassierdamato@gmail.com>
**Sent:** Tuesday, 8 April 2025 10:15
**To:** Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>; MAYOR TARXIEN - J.A.G. <abela25joseph@gmail.com>; Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>; Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>; Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>; Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>; Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>; Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>; Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>; Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>; Mario Fava <mariofava16@gmail.com>
**Subject:** Temporary Absence & Updates

Dear Joseph, Lianne, and Local Councillors,

I hope this email finds you well.

It is with a heavy heart that I write to inform you that I will be away in the coming months, as we will be travelling abroad for medical treatment starting this Sunday. Please find my official letter attached.

In the meantime, I'd like to update you on the ongoing activities and responsibilities related to the children and youth programmes, and physical activities:

- **Zumba** has been confirmed with Carly Zarb (email: carlyzarb1996@gmail.com). Sessions will take place **every Thursday from 5:30 PM to 6:30 PM** at *il-bandli ta' ħdejn il-Kunsill.*
- **Children's & Youth Council**: There will be no session this month. I will keep you updated once we have a new date scheduled.
- **Homework Fridays**: Unfortunately, we have not received any volunteers for private lessons, so this activity will be paused for now.

Thank you for your support and understanding. Please don't hesitate to reach out should you need anything in my absence.

Warm regards,

--

DASIER D'AMATO

*Kunsillier ġewwa Ħal Tarxien*

m: (+356) 7928 0846

*Facebook :Dasier D'Amato*

*Instagram: @dasier_219*

---

**Neil Portelli** <portelli.neil@hotmail.com> Tue, Apr 8, 2025 at 3:16 PM
To: Dasier D'Amato <dassierdamato@gmail.com>, Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>, "MAYOR TARXIEN - J.A.G." <abela25joseph@gmail.com>, Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>, Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>, Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>, Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>, Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>, Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>, Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>, "mariofava16@gmail.com" <mariofava16@gmail.com>

Dear Dasier,

Wish you the best of luck to you and your family and hope that everything goes well.

Will keep her in our prayers.

**Neil Portelli**
**Tarxien Local Councillor - Infrastruttura Generali, TM, Sigurta' fit-Toroq, Applikazzjonijiet ta' Zvilupp, Tabelli u Sinjali.**
*Please do not print this email unless it is necessary. Every unprinted email helps the environment*

**From:** Dasier D'Amato <dassierdamato@gmail.com>
**Sent:** Tuesday, April 8, 2025 10:14 AM
**To:** Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>; MAYOR TARXIEN - J.A.G. <abela25joseph@gmail.com>; Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>; Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>; Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>; Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>; Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>; Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>; Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>; Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>; mariofava16@gmail.com <mariofava16@gmail.com>
**Subject:** Temporary Absence & Updates

Dear Joseph, Lianne, and Local Councillors,

[Quoted text hidden]

**Mario Fava** <mario@mariofava.com.mt> Tue, Apr 8, 2025 at 5:42 PM
To: Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>, Dasier D'Amato <dassierdamato@gmail.com>, Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>, "MAYOR TARXIEN - J.A.G." <abela25joseph@gmail.com>, Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>, Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>, Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>, Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>, Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>, Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>, Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>, "mariofava16@gmail.com" <mariofava16@gmail.com>

Hi Dasier,

Nawguralkom minn qalbi li kollox ifittex jghaddi bla wisq tbatijiet.

Ghal fini ta' dekastri, il-Kunsill ghandu jara', primarjament is-Sindku, li jghaddi dawn id-dekasteri lil min jixtieq ikompli jahdem fihom, sakemm Dasier jirritorna lura u jkun jista' jiddedika mill-gdid, il-hin u l-energija ghalihom.

Fid-dawl li Dasier ghadu kunsillier, ghandu jkun infurmat b' dak li jkun ghaddej ghaliex anki forsi jkun hemm drabi fejn ikun jista' jaghti daqqa t' idi.

Grazzi hbieb

Mario

**From:** Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>
**Sent:** 08 April 2025 15:16
**To:** Dasier D'Amato <dassierdamato@gmail.com>; Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>; MAYOR TARXIEN - J.A.G. <abela25joseph@gmail.com>; Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>; Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>; Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>; Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>; Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>; Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>; Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>; mariofava16@gmail.com <mariofava16@gmail.com>
**Subject:** Re: Temporary Absence & Updates

[Quoted text hidden]

**Dasier D'Amato** <dassierdamato@gmail.com> Tue, Apr 8, 2025 at 7:20 PM
To: Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>
Cc: Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>, "MAYOR TARXIEN - J.A.G." <abela25joseph@gmail.com>, Camilleri Miriam 3 at Tarxien Local Council <miriam.camilleri.3@gov.mt>, Tarxien Local Council at Port Regional Council <tarxien.lc@gov.mt>, Anabelle Marmara <anabelle160282@gmail.com>, Nicole Farrugia <farrugianicole.6@gmail.com>, Darlene Vella <darlene.85.dv@gmail.com>, Vella Romina 3 at Tarxien Local Council <romina.vella.3@gov.mt>, Glenn Gerald Urry <urrypn@gmail.com>, "mariofava16@gmail.com" <mariofava16@gmail.com>

Dasier D'Amato reacted via Gmail